



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Settembru 2024
(OR. en)

12520/24
PV CONS 44
RELEX 1031

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
22 ta' Lulju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 12400/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġislattiva** 12055/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 12056/24

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 fir-rigward tad-detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Koordinazzjoni Serb**  12085/24
PE-CONS 81/24
VISA
Adozzjoni tal-att leġislattiv

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, l-Irlanda ma ħaditx sehem fil-votazzjoni.

Suq Intern u Industrija

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE**  12018/24 + ADD 1
PE-CONS 13/24
MI
Adozzjoni tal-att leġislattiv

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Sajd

3. **Regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fil-Grigal tal-Atlantiku**



12019/24
PE-CONS 32/24
PECHE

Adozzjoni tal-att leġislattiv

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ġrajjet kurrenti
4. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹
Skambju ta' fehmiet
5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani
Skambju ta' fehmiet
6. Affarijiet oħra

¹ Inkluż skambju informali ta' fehmiet mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (permezz ta' vidjokonferenza)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dok. 12056/24

Dwar il-punt "A" **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward**
nru 2: **tat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"Il-proposta għal Regolament għat-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE hija għodda li tippromwovi l-proċessi tad-diġitalizzazzjoni tas-settur agrikolu kollu u ser tippermetti lill-operaturi kollha tal-industrija li jibagħtu u jorganizzaw informazzjoni malajr u b'mod effiċjenti. Il-proposta tidher li tappoġġa parzjalment biss l-evoluzzjoni tal-proċess teknoloġiku - promoss b'mod mifrux mis-settur agrikolu kollu - billi tipprevjeni t-trażlokazzjoni ta' informazzjoni diversa fi ħdan is-settur diġitali biss. Barra minn hekk, l-użu ta' din l-għodda bħalissa qed jiġi diskuss ukoll għal mezzi tekniċi oħrajn għall-agrikoltura bħall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, li huma fundamentali wkoll biex jiggarantixxu produzzjoni agrikola adegwata.

Għalhekk, b'kont meħud li l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tikkettar diġitali għall-informazzjoni kollha minbarra r-rekwiżiti tas-sikurezza għas-saħħa tal-bnedmin, l-annimali u ambjentali tippermetti għestjoni aħjar tat-tikketti u l-imballaġġ bil-ħsieb ta' aktar sostenibbiltà, wieħed jittama li l-proposta tista' tkun soġġetta għal aġġornamenti rapidi sabiex tappoġġa t-tranżazzjoni diġitali u tipprovdi b'mod faċli lill-bidwi b'informazzjoni teknika sħiħa u komprensiva li llum qed tintalab dejjem aktar."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Skont ir-Repubblika Slovakkja, l-introduzzjoni tat-tikkettar diġitali tal-fertilizzanti għib magħha opportunitajiet biex jittejjeb ir-rappurtar tal-informazzjoni fuq it-tikketta. Din iġġib progress teknoloġiku, kif ukoll tikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-ispejjeż għall-produtturi tal-fertilizzanti u l-katina kollha tal-provvista. Għal din ir-raġuni, jiddispijaċina li l-ftehim finali li laħqu l-koleġislaturi ma rriżultax fi proposta aktar ambizzjuża li kienet twassal għal tnaqqis iktar sinifikanti tal-ispejjeż għall-operaturi ekonomiċi, ir-razzjonalizzazzjoni tat-tikkettar, it-tnaqqis tal-iskart tal-imballaġġ, u fl-aħħar mill-aħħar użu aħjar tat-tikkettar diġitali mill-operaturi. Dan kien iġib aktar benefiċċji għall-ekonomija u l-ambjent."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tesprimi tħassib dwar il-formulazzjoni tal-aħħar sentenza tal-premessa 12 (*"Huwa mfakkar li huwa essenzjali wkoll li l-utent finali jkollu l-informazzjoni meħtieġa msemmija fir-Regolament 2023/988 biex ikun jista' jidentifika u jikkuntattja lill-persuna responsabbli għall-prodotti mqieġħda fis-suq tal-Unjoni."*).

Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 16 tar-Regolament 2023/988 [dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti], li jistabbilixxi l-obbligu tal-istabbiliment ta' "persuna responsabbli" għall-prodotti mqieġħda fis-suq tal-Unjoni, ma japplikax għall-prodotti soġġetti għar-Regolament (UE) 2019/1009."
